# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Dicembru, 2001.**

**Kawza Numru: 5**

**Citaz. Nru. 1537/01GV**

**Frank P. Borg Limited,**

**-vs-**

**Carmni Zarb,**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenut merci ghall-valur ta' sitt elef, tmien mija u ghoxrin Lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm6,820.18) (Dok. A), oltre l-imghaxijiet legali u ghalkemm dan l-ammont intalab kemm il-darba minghand il-konvenut izda huwa baqa' ma hallasx;

Premess illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-attur nomine il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba li qed issirlu;

Is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti biex:

1 tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba tal-attur nomine bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 ta' Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili

2 tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, tmien mija u ghoxrin Lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm6,820.18) ammont minnu dovut ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjes tal-presenti u tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' Awissu, 2001, kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill konvenut li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci

Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta attrici ghall-ammont ta' hamest elef, disa' mija u hamsa u sittin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm5,965.13)

Semghet l-attur Frank Borg li kkonferma l-ammont kif ridott ghal hamest elef, disa' mija u hamsa u sittin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm5,965.13)

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici

Ezaminat l-atti tal-kawza

Billi mill-provi mhux kontradetti it-talba kif ridotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta ghall-ammont ta' hamest elef, disa' mija u hamsa u sittin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm5,965.13), bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**